MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1409/2003

**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Joseph Frendo abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Frendo**

**Vs**

**Amante Sammut**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm676.15 (sitt mija sitta u sebghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistku li sehh gewwa Birkirkara nhar it-18 ta' Lulju 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ sitt mija sitta u sebghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm676.15) jirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Jospeh Frendo assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ erba` mija u sitta u sebghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm476.15), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ mitejn Lira Maltin (Lm200) l-istess Joseph Frendo in linea ta’ excess payment, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta’ Lulju 2002 ghall-habta tat-3.00am gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Joseph Frendo, bin-numru ta’ registrazzjoni CLD 333 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni IAA 712, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da aparti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu 2003 u ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Middlea Sea Insurancer plc, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu 2003 kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet tal-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti, pero` b’tort tas-sewwieq tal-vettura CLD 333, u cioe` Claude Frendo, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq; u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirrizulta li s-sewwieqa qed jallegaw li t-tnejn kienu fuq il-“fast lane” meta saret il-habta. Pero’ d-danni jirrizulta li tal-assigurat tal-attur il-lemin u dak tal-konvenut fuq ix-xellug. Allura biex habtu gew fizikament genb ma genb.

Jirrizulta li l-vettura tal-konvenut giet ‘sandwiched’ bejn il-vettura attrici u r-roundabout. Il-komportament tal-konvenut ma hux ampikabbli. Vettura meta qed tavvicina roundabout tnaqqas l-velocita. Trid tieqaf biex tesplora u taghti precedenza. Ma tawmentax il-velocita biex taqbez precizament f’dak il-post. Meta tahbat, tieqaf u mhux tibqa sejjer ghax tahseb li laqt biss mera. Trid tieqaf u tara x’gara mill-vettura l-ohra. In-nuqqas ta’ ‘proper look out’ huma lampanti. Minn dana kollu l-konvenut ma ghamel xejn. Vera forsi l-attur gibed kemm kemm il-barra biex idur komdu pero` din il-manuvra ma kellhiex tostakola lil konvenut. L-indicator messhu rah!

Isir referenza ghal habta fl-istess post fil-kawza Lloyds Malta Limited vs Paul Barberi. Il-quantum tad-danni ma gewx kontestati u qed jigi accettat.

It-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas s-somma ta’ sitt mija u sitta u sebghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm676.15) bl-interessi kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------